**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 19 ta' Gunju, 2019**

Numru 8

**Appell Nru. 14/2019**

**Susan Xerri**
**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamata in kawza Helen Sidebotham**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-Awtorita tas-16 ta' April 2019 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-4 ta' April 2019 li biha cahad l-eccezzjoni tal-Awtorita u l-applikant li t-terz ma kellux dritt ta' appell ghax ma kienx registered objector, b'dan li t-Tribunal irriserva li jqis jekk t-terz kellux interess fl-applikazzjoni RG 4156/17 biex jappella;

Rat ir-risposta ta' Susan Xerri li preliminarjament eccepit illi ma hemmx dritt ta' appell minn decizjoni in parte tat-Tribunal u ghalhekk l-appell tal-Awtorita f'dan l-istadju kien intempestiv;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-appell thalla ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

It-Tribunal,
Fir-risposta ghall-Appell kemm l-Awtorita kif ukoll il-permit holder, tqajmet eccezzjoni preliminari fis-sens illi l-appellanti ma kellhomx dritt ta' appell stante li ma kienux registered objectors.

L-Awtorita ghamlet riferenza ghall-fatt illi ma dahlu ebda rappresentazzjonijiet wara l-press date relattiv u ghalhekk ma kienux registered objectors.

Fir-risposta ghal din l-eccezzjoni l-appellanti spjegaw illi skond l-artikolu 5 (1) tal-legislazzjoni sussidjarja 552.26 l-Awtorita' hija obbligata li tinforma terzi persuni biss fejn si tratta ta' regolarizzazzjoni ta' zvilupp mertu ta' enforcement notice jekk dawn it-terzi persuni kienu l-persuni li ghamlu il-complaint li wassal ghal enforcement notice. F'dan il-kaz ma kienx hemm enforcement u ghalhekk ma japplikawx dawn ir-regoli.

Ikkunsidra ulterjorment:
Kif inghad si tratta ta' decizjoni preliminari dwar id-dritt ta' appell u nullita relattiva. L-artikolu 11 tal-Kap 552 jiddikjara bic-car illi t-Tribunal ikollu gurisdizzjoni jisma:
“all appeals from a decision on an application for development permission made by an interested third party who had submitted written representations as established by the Planning Authority in terms of article 71 (6) of the Development Planning Act.”

Mill-atti rrizulta bic-car li l-appellanti ma kienx ghamel rappreżentazzjonijiet u ghalhekk that dan l-artikolu l-appellanti ma kellux dritt ta' appell.

It-Tribunal jaghmel rifernza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-Appell Nru. 18/2016 SC Hire Service vs L-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Sandra Farrugia (7 tga' Dicembru 2016) fejn il-Qorti kellha sitwazzjoni simili ta' procedura ta' regolarizzazzjoni. Il-Qorti ddikjarat:
Il-Qorti hi tal-fehma illi l-artikolu 41 b’mod generali jaghti dritt ta’ appell jekk mhux specifikament eskluz. L-artikolu 41(1)(a) jaghti dritt ta’ appell kif gej: 41. (1) Bla hsara ghall dawk l-artikoli li specifikament jeskludu d-dritt ta’ appell quddiem it-Tribunal, kif ukoll l-artikoli 81(14), 82(4) u 86, it-Tribunal ikollu gurisdizzjoni li: (a) jisma’ u jiddeciedi appelli maghmula mill-applikant jew minn min ihossu aggravat b’decizjoni mahruga taht id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI, fuq kull decizjoni tal-Awtorita dwar kull haga ta’ kontroll tal-izvilupp, inkluz it-twettiq ta’ dak il-kontroll jew appelli maghmula minn kull persuna fuq kull decizjoni tal-Awtorita dwar il-protezzjoni ambjentali, inkluzi stimi ambjentali, l-access ghall-informazzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u r-rimedju ta’ danni ambjentali: Izda l-Awtorita ma ghandhiex tigi interpretata bhala kull persuna ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu; Dan l-artikolu jaghti dritt ta’ appell minn decizjoni talAwtorita bhal f’dan il-kaz, mahruga taht id-disposizzjonijet tat-Taqsima VI dwar kull haga ta’ kontroll ta’ zvilupp. Il-koncessjoni

moghtija fit-Tmien Skeda abbinata u maghquda mal-artikolu 91 (li jinsab f'Taqsima VI) ghax tirreferi ghal dan l-artikolu bhala l-iskop wahdieni ghal tali skeda hi fil-fatt decizjoni ta' validita dwar kontroll ta' zvilupp fejn zvilupp mhux konformi qed jinghata koncessjoni minghajr il-bzonn fil-fatt li jkun hemm xi avviz ta' twettiq in vigore jew li jsir xi forma ta' sanzjonar tal-izvilupp. Hi procedura sui generis fejn zvilupp mhux konformi ma' permess jista' jitqies konformi jekk jaqa' fil-parametri ta' dak li jipprovdi t-Tmien Skeda. Il-koncessjoni moghtija a bazi tat-Tmien Skeda hi decizjoni dwar il-kontroll fuq zvilupp wara applikazzjoni ad hoc. L-artikolu 41(1)(a) hu artikolu generiku li japplika ghal kull persuna aggravata minn decizjoni simili. F'dan il-kaz l-appellant li hu l-proprjetarju tal-arja sovrapost ghal fond li uzufruixxa mit-Tmien Skeda ghandu interess car f'din l-applikazzjni u l-ezitu taghha billi l-izvilupp tal-arja jista' jigi kolpit bl-approvazzjoni u ghalhekk ghandu jkollu l-opportunita li jappella tali approvazzjoni. Il-fatt li ma hemmx procedura ta' pubblicita waqt l-ipprocessar tal-applikazzjoni jew mezz procedurali stabbilit kif terz jirribatti jew jikkummenta dwarha ma jfissirx li hu negat l-appell li jidhol fil-parametru tal-artikolu 41 (1)(a) tal-Kap. 504 basta kif inghad l-appellant juri li ghandu interess ghax ihossu aggravat b'din iddecizjoni liema interess pero ma jekwivalix ghad-duttrina stretta tal-interess guridiku fl-ordinament guridiku generali procedurali.

Ghalhekk il-Qorti ddikajrat illi f'sitwazzjonijiet bhal dawk odjerni, dritt ta' Appell jezisti basta li jigi muri li l-appellanti ghandu interess ghax ihossu aggravat bid-decizoni. L-argument ta' din id-dezjoni huwa li l-appellanti odjern ghandu dritt ta' appell – suggett pero' li juri l-interess tieghu ghax ihossu aggravat b'din id-decizjoni liema interess pero' ma jekwilavalix ghad-duttrina stetta tal-interess guridiku fl-ordinament guridiku generali procedurali.

Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jordna li l-appell jitkompla jinstema sabiex jigi pruvat l-interess tal-appellanti ai fini ta din iddecizjoni preliminari fis-seduta tal-25 t'April 2019 fil-hin tat-2:15 pm.

## Ikkunsidrat

Hu inkontestat illi t-Tribunal ikkonsidra biss eccezzjoni preliminari imressqa mill-Awtorita u l-permit holder rigward id-dritt ta' appell ta' terz interessat mill-applikazzjoni in kwistjoni. Din il-kwistjoni giet trattata fis-sentenza tal-Qorti fl-ismijiet Din l-Art Helwa vs L-Awtorita tal-Ippjanar, deciza fis-16 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti qalet hekk:

> Il-mertu tal-appell ghadu ma bediex jinstema quddiem it-Tribunal. Kwindi d-decizjoni tat-Tribunal ma taghlaqx definittivament il-vertenza u ghandha titqies bhala sentenza parzjali. Il-Kap. 504 fl-artikolu 41(b) kien jirregola din il-kwistjoni u jghid li appelli minn sentenzi parzjali ma humiex premessi izda jistghu jigu prezentati biss wara s-sentenza finali flimkien ma' appell md-decizjoni finali. Sfontunatament dan l-artikolu mhux rifless fil-Kapitolu 551. L-artikolu 39 jghid li d-decizjonijiet tat-Tribunal huma finali u jista' jsir appell biss fuq punt ta' ligi jew fuq ksur ta' dritt ta' smigh xieraq. L-artikolu 33 hu l-uniku artikolu li jsemmi dritt ta' appell minn decizjoni parzjali fejn jirrigwarda

sospensjoni ta' permess sakemm ikun hemm appell pendenti quddiem l-ERPT.

L-artikolu 9(2) jghid li t-Tribunal ghandu jaghti sentenza wahda fuq il-kwistjonijiet kollha tal-appell kemm jekk huma preliminari, sostantivi jew procedurali. L-intenzjoni wara tali regola tohrog mill-istess artikolu fejn jinghad li d-decizjonijiet ghandhom jinghataw kemm jista' jkun malajr. Sfortunatament it-Tribunal ma segwiex din ir-regola u iddecieda l-eccezzjoni preliminari wahedha. Hu minnu li tali decizjoni kieku kienet bil-kontra kienet taqta' l-vertenza kompletament u ghalhekk kien ikun inutili li t-Tribunal jisma l-appell fil-mertu. Izda din ma kinitx l-intenzjoni tal-legislatur izda li jinstema kollox flimkien u tigi deciza l-vertenza b'decizjoni unika. Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni l-Awtorita appellat biex ma tigix rinfaccjata bil-problema li tappella fl-ahhar u jigi eccepit li l-appell fuq din il-kwistjoni preliminari sar fuori termine.

Il-Qorti ghalhekk qajmet il-kwistjoni mal-partijiet li d-decizjoni parzjali tat-Tribunal hi nulla ghax tmur kontra dak li jrid il-legislatur. In-normi procedurali li ghandu jsegwi t-Tribunal huma ta' ordni pubbliku u ghandhom jigu segwiti b'reqqa u precizjoni. Is-sitwazzjoni f'dan l-appell hi wahda li biex zgur ikun hemm parita ta' armi bejn il-partijiet il-Qorti ghandha tannulla s-sentenza parzjali tat-Tribunal li nghatat bla ebda jedd fil-ligi u l-appell imur lura quddiem it-Tribunal diversament kompost biex il-process tal-appell quddiem it-Tribunal jerga' jibda mill-gdid u tigi moghtija decizjoni wahda fuq il-kwistjonijiet kollha.

Lanqas jista' jinghad li japplikaw in-normi procedurali tal-Kap. 12 billi fl-artikolu 10(i) hemm stiputat illi l-Prim Ministru jista' jistabilixxi b'regolament ad hoc liema artikoli tal-Kap. 12 ghandhom japplikaw ghal procedura quddiem it-Tribunal sakemm dawn mhux gia esplicitament imsemmija fl-istess Kap. 551. Ma jidhirx li hemm regolamenti ad hoc maghmula mill-Ministru dwar dan.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-4 ta' April 2019 bhala nulla u bla effett, u tordna li l-appell jerga' jinstema mill-gdid fuq l-aggravji u l-eccezzjonijiet kollha u tinghata decizjoni wahda skont il-ligi. Spejjez jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.

Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur